MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1280/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**Rosario Scicluna**

Kumpilazjoni Numru: 1280/2008

**Illum, 29 ta’ Dicembru, 2008**,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Rosario Scicluna ta’ 43 sena, iben il-mejjet Carmelo u Salvina nee Buttigieg, imwieled il-Pieta` fit-12 ta’ Marzu, 1965 u residenti 2, Triq Dun Guzepp Theuma, Zejtun, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 146265M

Akkuzat talli f' Dicembru, 2008 u fix-xhur ta' qabel, f' Hal Luqa u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminjiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' risoluzjoni wahda:

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuni ta' *omissis*, *omissis* u *omissis*, fejn *omissis* u *omissis* ma setghux jirrezistu minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh u/jew ghal raguni ohra indipendenti mill-ghemil tal-hati u/jew minhabba mezzi qarreqa li l-hati nqeda bihom;
2. Bhala impjegat fil-istess post ta' xoghol ta' fastidju sesswali lil impjegata ohra, u cioe` lil *omissis* billi issoggettaha ghal att ta' intimita` fizika u/jew issoggettaha ghal xi atti u/jew kondotta b' konnotazzjonijiet sesswali, liema att, talba jew kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji;
3. Offenda l-pudur u jew il-morali b' ghemil li sar f' post pubbliku jew f' post espost ghal-pubbliku;
4. Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u dan fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti datata 7 ta' Novembru, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
5. Aktar talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali billi kkommetta reat, wara sentenza li saret definittiva.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 28A, 28B, 202, 207, 209 u 251A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegehu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’ l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri; il-Qorti kkunsidrat ukoll l-fedina penali ta’l-imputat.

Illi mis-sottomissjonijiet maghmula jirrizulta li jkun ta’ gid ferm aktar ghas-socjeta li l-imputat jiricievi l-kura necessarja ghalih milli li jiskonta piena karcerarja.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti, anke wara li rat x’kienu l-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat instab hati u ghalihom inghata sentenza sospieza, hija tal-fehma li minflok jinghata piena karcerarja jkun aktar opportun li l-imputat jitpogga taht ordni ta’ probation bil-kundizzjoni li jsegwi dik il-kura li tigi indikata lilu mill-ufficjal tal-probation anke wara li jsieru l-konsultazzjonijet kollha necessarji mal-persuni indikati mill-ufficjal tal-probation u dan ai termini ta’l-artikolu 7(5) tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti u wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 28A, 28B, 202, 207, 209 u 251A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tpoggi lill-iputat taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni ta’ *probation* mghoti kontestwalment inkluz li ghall-perjodu kollu ta’ tlett snin isegwi dik il-kura li tigi indikata lilu mill-ufficjal tal-probation anke wara li jsieru l-konsultazzjonijet kollha necessarji mal-persuni indikati mill-ufficjal tal-probation u dan ai termini ta’l-artikolu 7(5) tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta’ Malta.

In oltre l-Qorti b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B ta’l-istess Kap 9 qed testendi l-perjodu operativ tas-sentenza mghotija fil-konfront ta’ l-imputat fis-7 ta’ Lulju 2007 ghal perjodu iehor ta’ erba’ (4) snin mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat waqt il-perjodi fuq indikati u jekk ma jsegwux l-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------